MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**FRANCESCO DEPASQUALE**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2013

Avviz Numru. 312/2013

**Casapinta Design Group Limited (C-9216)**

**vs**

**Joseph Bonnici**
**(ID 677954M)**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta’ din il-Qorti nhar is-7 ta’ Ottubru 2013 fejn is-socjeta’ attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta’ tlett elef, tmien mija u disgha u tmenin Euro u zewgt centezmi (€3,889.02) rapprezentanti sehem ta’ hlas dovut mill-intimat lill terzi izda imhallas mis-socjeta rikorrenti kif ahjar deskritt fl-avviz.

Bl-ispejjez kif deskritti fl-avviz u bl-imghax mid-data tal-hlas sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimat li huwa ingunt in subizzjoni .

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal kawza u l-Avviz propjru gew notifikati lill-intimat fl 24 ta' Ottubru 2013 (fol 4 tergo).

Illi fis-seduta tat-9 ta' Dicembru, 2012 is-socjeta' attrici pprezentat kapitolu fil-konfront tal-konvenut (fol 9).

Rat illi fis-seduta tas-16 ta' Dicembru 2012 il-konvenut gie imsejjah izda ma deherx, la biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' attrici tghid li d-debitu ghadu dovut issib li t-talba tal-istess socjeta' attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett elef, tmien mija u disgha u tmenin Euro u zewgt centezmi (€3,889.02) ghar-ragunijiet kif ahjar deskritt fl-avviz.**

**Bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenut kif mitluba.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------